

32006R1633

4.11.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 305/3

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1633/2006

tat-3 ta' Novembru 2006

li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2771/1999 u (KE) Nru 1898/2005 fir-rigward tad-dħul fil-ħażin tal-butir tal-intervent li jitqiegħed għall-bejgħ

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 21 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2771/1999 tas-16 ta' Diċembru 1999 jipprovdi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 fir-rigward ta' intervent fis-suq tal-butir u l-krema² jistipula li l-butir tal-intervent li jitqiegħed għal bejgħ irid ikun daħħal fil-ħażin qabel l-1 ta' Jannar 2006.
- (2) L-Artikolu 1(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1898/2005 tad-9 ta' Novembru 2005 jipprovdi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 fir-rigward ta' miżuri għar-rimi ta' krema, butir u butir ikkonċentrat fis-suq Komunitarju³ jistipula li l-butir ta' intervent mixtri skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999 biex jinbiegħ bi prezziżiet imraħħsa jrid ikun daħħal fil-ħażin qabel l-1 ta' Jannar 2006.
- (3) Minħabba s-sitwazzjoni fis-suq tal-butir u l-kwantitatiet ta' butir fil-ħażna tal-intervent, huwa xieraq li butir fil-ħażin qabel l-1 ta' Mejju 2006 għandu jkun disponibbli għal bejgħ.

¹ ġu L 160, 26.6.1999, p. 48. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ġu L 307, 25.11.2005, p. 2).

² ġu L 333, 24.12.1999, p. 11. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1474/2006 (ġu L 275, 06.10.2005, p. 44).

³ ġu L 308, 25.11.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1474/2006.

- (4) Għalhekk ir-Regolamenti (KE) Nru 2771/1999 u (KE) Nru 1898/2005 għandu jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 2771/1999, id-data tal-'1 ta' Jannar 2006' għandha tinbidel bid-data l-'1 ta' Mejju 2006'.

Artikolu 2

Fl-Artikolu 1(a) tar-Regolament (KE) Nru 1898/2005, id-data tal-'1 ta' Jannar 2006' għandha tinbidel bid-data l-'1 ta' Mejju 2006'.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi l-għada tal-publikazzjoni tiegħi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħi u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fis Brussell, 3 ta' Novembru 2006.

*Għall-Kummissjoni
Jean-Luc DEMARTY
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*